**Stqarrija għall-istampa**

**L-NCPE tħeġġeġ lill-Gvern u lill-Oppożizzjoni sabiex imexxu 'l quddiem ir-riforma tal-ugwaljanza u d-drittijiet umani**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tesprimi d-diżappunt tagħha għall-waqfien tal-Abbozz dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (NHREC), wara l-vot tal-bieraħ fil-Parlament, u tħeġġeġ lill-Gvern u lill-Oppożizzjoni sabiex imexxu 'l quddiem din ir-riforma tant meħtieġa fis-settur tal-ugwaljanza u d-drittijiet umani.

Mill-2004 'l hawn, l-NCPE wettqet il-funzjonijiet tagħha bħala korp tal-ugwaljanza bl-aħjar mod li setgħet. Iżda l-problemi fil-qafas legali kurrenti tal-ugwaljanza ilhom evidenti għal għexieren ta' snin. Għal din ir-raġuni, l-NCPE konsistentement sejħet sabiex tinħoloq Kummissjoni ġdida b'qafas legali iktar b'saħħtu, li jżomm, iwessa' u jsaħħaħ il-mandat tal-ugwaljanza filwaqt li jkollha wkoll il-mandat relatat mill-qrib tad-drittijiet umani, li bħalissa huwa nieqes minn pajjiżna.

L-Abbozz tal-NHREC kien se jsaħħaħ il-Kummissjoni billi ssir entita' li twieġeb lill-Parlament, u għalhekk isaħħaħ l-indipendenza tagħha; joħloq qafas legali tal-ugwaljanza li huwa iktar koerenti u robust billi jindirizza l-problemi li hemm fil-liġi kurrenti tal-ugwaljanza; jestendi l-kompetenza għad-drittijiet umani; u jtejjeb il-funzjonijiet u l-poteri biex tiġi promossa l-ugwaljanza u d-drittijiet umani, u l-investigazzjoni tal-ksur tagħhom.

L-approvazzjoni ta' dan l-Abbozz ma kien se jnaqqas xejn mill-mandat u x-xogħol attwali tal-Kummissjoni. Minflok, kienet se ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tindirizza forom u sferi ta' diskriminazzjoni b'iktar indipendenza, riżorsi, u qafas istituzzjonali aqwa.

L-NCPE għadha temmen li l-approvazzjoni mill-Parlament tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Abbozz isaħħu dak li hu l-iktar importanti għan-nies: aċċessibbiltà għal Kummissjoni li tista' tħares aħjar u tippromwovi l-ugwaljanza u d-drittijiet umani għal kulħadd f'Malta.

It-twaqqif ta' Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza ilu jiġi diskuss mill-2014, b'ħafna fażijiet ta' konsultazzjoni, u anke proċess Parlamentari ieħor li kellu jieqaf, meta xolja l-Parlament qabel l-elezzjoni tal-2022.

L-NCPE tenfasizza l-urġenza li jinbidel u jissaħħaħ il-qafas legali li huwa essenzjali sabiex jipproteġi lin-nies mid-diskriminazzjoni u jiżgura d-drittijiet umani tagħhom, u għalhekk tħeġġeġ lill-partijiet kollha sabiex iwettqu din ir-riforma.

**23 ta' Lulju 2026**